

REGOLAMENT (UE) Nru 581/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Ġunju 2011

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 ⁽²⁾ daħal fis-seħħ fil-31 ta' Jannar 2008 u ġie applikat mill-1 ta' Marzu 2008. Dak ir-Regolament jintroduċi skema speċifika ta' preferenzi awtonomi għall-kummerċ (ATPs) għar-Repubblika tal-Moldova (minn hawn il quddiem "il-Moldova"). Huwa jipprovdi aċċess liberu għas-swieq tal-Unjoni għall-prodotti kollha li joriġinaw mill-Moldova, ħlief għal ċerti prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tiegħu, li għalihom ingħataw konċessjonijiet limitati jew f'forma ta' eżenzjoni mid-dazji doganali fil-limitu tal-kwoti tariffarji jew fil-forma ta' tnaqqis ta' dazji doganali.
- (2) Fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV UE-Moldova, u s-Sħubija tal-Lvant, il-Moldova adottat aġenda ambizzjuża ta' assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika ulterjuri mal-Unjoni. In-negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġdid bdew f'Jannar 2010. Il-Moldova qed tagħmel ukoll progress qawwi fuq l-approssimazzjoni regolatorja li twassal għal konverġenza mal-liġijiet u l-istandards tal-Unjoni fil-preparazzjoni għal negozjati futuri dwar żona ta' kummerċ ħieles profonda u komprensiva (DCFTA) bejn l-Unjoni u l-Moldova, fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni futur.
- (3) Kull sena mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 55/2008, il-kwota tariffarja għall-inbid ġiet użata kollha xhur qabel it-tmiem tas-sena.
- (4) L-ekonomija tal-Moldova hija affettwata sew mill-effetti negattivi tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika. Is-settur tal-inbid jimpjega madwar 300 000 ħaddiem, u l-esportazzjonijiet ta' inbid huma sors importanti ta' dħul mill-esportazzjoni.
- (5) Sabiex jiġu appoġġjati l-isforzi tal-Moldova, f'konformità mal-PEV u s-Sħubija tal-Lvant, u sabiex jiġi pprovdut suq attraenti u affidabbli għall-esportazzjonijiet tal-inbid tal-Moldova, huwa propost li tiżdied il-kwota tariffarja eżistenti għall-inbid għas-sena 2011 minn 100 000 ettolitr għal 150 000 ettolitr, għas-sena 2012 minn 120 000 ettolitr għal 180 000 ettolitr, u mis-sena 2013 'il quddiem għal 240 000 ettolitr fis-sena.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 japplika sal-31 ta' Diċembru 2012.
- (7) In-negozjati dwar id-DCFTA futur bejn l-Unjoni u l-Moldova huma għan komuni għaż-żewġ partijiet, bil-kondizzjoni li l-Moldova turi li lesta sabiex tinnegozja u ssostni l-effetti ta' impriża daqshekk ambizzjuża. Sabiex jingħata żmien biżżejjed għall-preparazzjonijiet xierqa u n-negozjar ta' DCFTA, huwa meħtieġ li l-validità tar-Regolament (KE) Nru 55/2008 tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2012.
- (8) L-estensjoni tal-validità tar-Regolament (KE) Nru 55/2008 għandha tiġi deċiża ħafna qabel id-data tat-tmiem tiegħu, sabiex jipprovdi lill-operaturi ekonomiċi tal-Moldova fi żmien xieraq b'reġim kummerċjali trasparenti u prevedibbli għall-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni wara l-31 ta' Diċembru 2012. Il-validità ta' dak ir-Regolament għalhekk għandha tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2015.
- (9) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba taħt l-iskema ATP preżenti, u sabiex jiġi appoġġjat aktar l-iżvilupp tal-ekonomija tal-Moldova u l-proċess ta' approssimazzjoni regolatorja li jwasslu għal konverġenza mal-liġijiet u l-istandards tal-Unjoni fil-kuntest tas-Sħubija tal-Lvant, huwa xieraq li jiġi revedut il-livell tal-kwoti tariffarji ta' xi prodotti koperti mill-ATPs preżenti.
- (10) Biex tkun żgurata l-konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, il-preferenzi li jinsabu f'dan ir-Regolament għandhom isiru kondizzjonali fuq il-kontinwità jew tiġdid tar-rinunzja eżistenti mill-obbligi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ miksuba mill-Unjoni.

⁽¹⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2011.

⁽²⁾ ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1.

(11) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

Dawk il-preferenzi għandhom ma jibqgħux japplikaw mill-jum li fih ir-rinunzja ma tibqax effettiva.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 16, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għandu japplika sal-31 ta’ Diċembru 2015.

Il-preferenzi previsti f'dan ir-Regolament ma għandhomx jibqgħu japplikaw, fl-intier tagħhom jew parti minnhom, kemm-il darba ma jkunux permessi, fl-intier tagħhom jew parti minnhom, minħabba rinunzja mogħtija mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien suffiċjenti qabel dik id-data, tippubblika notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biex tgħarraf lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti b' dan. In-notifika għandha tispeċifika liema preferenzi previsti f'dan ir-Regolament ma jibqgħux japplikaw u d-data li fiha ma jibqgħux japplikaw.”.

2. It-Tabella 1 tal-Anness I hija sostitwita bit-tabella li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-8 ta' Ġunju 2011.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
 J. BUZEK

Għall-Kunsill
Il-President
 GYŐRI E.

ANNEX

"Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	2008 ⁽¹⁾	2009 ⁽¹⁾	2010 ⁽¹⁾	2011 ⁽¹⁾	2012 ⁽¹⁾	2013 ⁽¹⁾	2014 ⁽¹⁾	2015 ⁽¹⁾
09.0504	0201 sa 0204	Laħam frisk, imkessaħ u friżat ta' annimali bovini, majjal domestiċ u nagħaġ u mogħoż	3 000 ⁽²⁾	3 000 ⁽²⁾	4 000 ⁽²⁾	4 000 ⁽²⁾	4 000 ⁽²⁾	4 000 ⁽²⁾	4 000 ⁽²⁾	4 000 ⁽²⁾
09.0505	ex 0207	Laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur taħt it-titolu 0105, frisk, imkessaħ jew friżat, minbarra fwied xaħmi taħt it-titolu 0207 34	400 ⁽²⁾	400 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾
09.0506	ex 0210	Laħam u ġewwieni li jittiekel tal-majjali u annimali bovini, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew iffumigat; dqiq u smida li jittiekle mil-laħam jew mill-fdalijiet tal-laħam jew ġewwieni tal-laħam tal-majjal domestiċu jew annimali bovini	400 ⁽²⁾	400 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾
09.4210	0401 sa 0406	Prodotti tal-ħalib	1 000 ⁽²⁾	1 000 ⁽²⁾	1 500 ⁽²⁾	1 500 ⁽²⁾	1 500 ⁽²⁾	1 500 ⁽²⁾	1 500 ⁽²⁾	1 500 ⁽²⁾
09.0507	0407 00	Bajd tal-ġhasafar, fil-qoxra	90 ⁽³⁾	95 ⁽³⁾	100 ⁽³⁾	110 ⁽³⁾	120 ⁽³⁾	120 ⁽³⁾	120 ⁽³⁾	120 ⁽³⁾
09.0508	ex 0408	Bajd tal-ġhasafar, mhux fil-qoxra u isfar tal-bajd, minbarra dak mhux tajjeb għall-konsum uman	200 ⁽²⁾	200 ⁽²⁾	300 ⁽²⁾	300 ⁽²⁾	300 ⁽²⁾	300 ⁽²⁾	300 ⁽²⁾	300 ⁽²⁾
09.0509	1001 90 91 1001 90 99	Spelt ieħor (minbarra dak għaż-żrigħ), qamħ komuni u meslin	25 000 ⁽²⁾	30 000 ⁽²⁾	35 000 ⁽²⁾	40 000 ⁽²⁾	50 000 ⁽²⁾	55 000 ⁽²⁾	60 000 ⁽²⁾	65 000 ⁽²⁾
09.0510	1003 00 90	Xgħir	20 000 ⁽²⁾	25 000 ⁽²⁾	30 000 ⁽²⁾	35 000 ⁽²⁾	45 000 ⁽²⁾	50 000 ⁽²⁾	55 000 ⁽²⁾	60 000 ⁽²⁾
09.0511	1005 90	Qamħirrum	15 000 ⁽²⁾	20 000 ⁽²⁾	25 000 ⁽²⁾	30 000 ⁽²⁾	40 000 ⁽²⁾	45 000 ⁽²⁾	50 000 ⁽²⁾	55 000 ⁽²⁾
09.0512	1601 00 91 u 1601 00 99	Zalzett u prodotti simili, ta' laħam, fdal tal-laħam jew demm; preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti	500 ⁽²⁾	500 ⁽²⁾	600 ⁽²⁾	600 ⁽²⁾	600 ⁽²⁾	600 ⁽²⁾	600 ⁽²⁾	600 ⁽²⁾
	ex 1602	Laħam ieħor ippreparat jew ippreservat, ġewwieni tal-laħam jew demm: — ta' tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i> , mhux imsajjar, — tal-ħnieżer domestiċi, — ta' bhejjem tal-ifrat, mhux imsajjar								
09.0513	1701 99 10	Zokkor Abjad	15 000 ⁽²⁾	18 000 ⁽²⁾	22 000 ⁽²⁾	26 000 ⁽²⁾	34 000 ⁽²⁾	34 000 ⁽²⁾	34 000 ⁽²⁾	34 000 ⁽²⁾
09.0514	2204 21 u 2204 29	Inbid mill-ġheneb frisk, ħlief inbid effervexxenti	60 000 ⁽⁴⁾	70 000 ⁽⁴⁾	80 000 ⁽⁴⁾	150 000 ⁽⁴⁾	180 000 ⁽⁴⁾	240 000 ⁽⁴⁾	240 000 ⁽⁴⁾	240 000 ⁽⁴⁾

⁽¹⁾ Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, ħlief għall-2008, li għaliha japplikaw il-kwoti tariffarji, mill-ewwel jum tal-applikazzjoni tar-Regolament sal-31 ta' Diċembru.

⁽²⁾ Tunnellati (piż nett).

⁽³⁾ Miljun unità.

⁽⁴⁾ Ettolitri."